

31995R0406

L 44/10

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

28.2.1995

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 406/95
tas-27 ta' Frar 1995**

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1431/94 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni, fis-settur tal-laħam tat-tjur, ta' l-arranġamenti ta' l-importazzjonijiet ipprovduti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94 tad-29 ta' Marzu 1994 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffa Komunitarja għaċ-ċanga ta' kwalità għolja, għal-laħam tal-majjal, il-laħam tat-tjur, il-qamħ u l-maħlut, u tipi tan-nuħħala, il-frac iebes tal-qamħ u fdalijiet oħra ⁽¹⁾, u b'mod partikolari bl-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam tat-tjur ⁽²⁾, kif l-aħħar emendat bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1431/94 ⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2389/94 ⁽⁴⁾, jistabbilixxi r-regoli ddettaljati sabiex tiġi applikata, fis-settur tal-laħam tat-tjur, is-sistema ta' l-importazzjonijiet ipprovduta bir-Regolament (KE) Nru 774/94;

Billi, fuq il-bażi ta' l-esperjenza miksuba, bil-ħsieb li tiġi pprevenuta l-ispekulazzjoni, iridu jiġu aġġustati l-kondizzjonijiet sabiex jinkiseb aċċess għas-sistema u sabiex tippermetti lill-operaturi li jirtiraw l-applikazzjonijiet tagħhom;

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Laħam tat-Tjur u tal-Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 1431/94 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 3(a) jiġi mibdul b'dan li ġej:

“(a) L-applikanti għal-liċenzji ta' l-importazzjoni jridu jkunu persuni naturali jew legali li, fil-waqt li jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet, ikunu jistgħu jippruvaw, għas-sodisfazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, li huma kienu importaw jew esportaw mhux anqas minn 50 tonnellata metrika (piż tal-prodott) jew esportaw mhux anqas minn 500 tonnellata metrika (piż tal-prodott) tal-prodotti li jidħlu fil-kodiċi NM 0207, 1602 31 jew 1602 39 fis-sentejn kalendarji ta' qabel is-sena li fiha tiġi ddepożitata l-applikazzjoni għal-liċenza. Madankollu, l-istabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut jew ir-ristoranti li jbiegħu l-prodotti tagħhom lill-aħħar konsumaturi huma esklużi mill-benefiċċji ta' din is-sistema.”;

2. it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 4(4) huwa mħassar.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-sħh fl-1 ta' Marzu 1995.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Frar 1995.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 91, tat-8.4.1994, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 77.

⁽³⁾ ĠU L 156, tat-23.6.1994, p. 9.

⁽⁴⁾ ĠU L 255, ta' l-1.10.1994, p. 104.